PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

PROVIŻORJU
2005/0127(COD)

17.10.2006

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri kriminali bil-għan li jiżguraw li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jkunu mħarsa
(COM(2006)0168 – C6-0233/2005 – 2005/0127(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Rainer Wieland

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tat-13 ta' Settembru 2005 (Il-każ C 176/03 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill), il-Kummissjoni Ewropea emendat il-proposta għal direttiva tagħha dwar miżuri kriminali bil-għan li jiżguraw li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jkunu mħarsa.

Il-kwistjoni tal-ħarsien tal-proprjetà intellettwali hija ta' importanza partikulari għall-kumpaniji Ewropej, li għandhom bżonn jiżguraw li l-investimenti tagħhom se jkunu profittabbli. Mingħajr ħarsien tal-proprjetà intellettwali bħal dan, tista' tonqos ir-rata ta' l-investimenti u konsegwentament ta' l-innovazzjoni fl-Ewropa.

Hemm bżonn li tiġi definita xi bażi komuni fuq livell Ewropew sabiex għal ġlieda aktar effettiva kontra l-iffalsifikar u l-piraterija: għalhekk din il-proposta tistabbilixxi definizzjonijiet komuni u livelli komuni ta' penali. Din il-proposta hija maħsuba wkoll biex tiffaċilita l-investigazzjonijiet kriminali relatati ma' ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali.

Ir-'rapporteur' għal opinjoni jappoġġja d-Direttiva proposta iżda jiġbed l-attenzjoni għall-punti li ġejjin fir-rigward tal-kontenut tagħha:

1. Termini importanti għandhom jiġu definiti b'mod preċiz fid-direttiva, speċjalment fejn huma komponent ċentrali tad-definizzjoni tar-reat;

2. Il-partijiet kollha involuti fit-twettiq tar-reat għandhom ikunu jistgħu jiġu kkastigati permezz ta' sanzjonijiet kriminali;

3. L-Istati Membri m'għandhomx ikollhom ibatu l-konsegwenzi finanzjarji tar-reati mwettqa.

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni[1]	Emendi tal-Parlament
Emenda 1 Artikolu 2, paragrafu 1 a (ġdid)	
	Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, atti "fuq skala kummerċjali" tfisser atti mwettqa

[1] Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

	għall-vantaċċ kummerċjali dirett jew indirett.

Ġustifikazzjoni

It-terminu "skala kummerċjali" huwa ċentrali għad-definizzjoni tar-reat. Jeħtieġ li jiġi definit b'mod preċiż.

Emenda 2
Artikolu 3

Kull reat ***intenzjonat*** tad-dritt tal-proprjetà intellettwali mwettaq fuq skala kummerċjali***,*** kif ukoll attentat għal reat, kompliċità jew inċitament għal reat ta' din ix-xorta għandu jitqies bħala reat kriminali mill-Istati Membri.	Kull reat tad-dritt tal-proprjetà intellettwali mwettaq fuq skala kummerċjali***,*** kif ukoll ***l-attentat għal reat, l-organizzar, it-tmexxija u l-iffaċilitar ta' reat, il-kompliċità f'reat, jew l-inċitament*** għal reat ta' din ix-xorta għandu jitqies bħala reat kriminali mill-Istati Membri.

Ġustifikazzjoni

It-tipi u l-forom kollha ta' parteċipazzjoni fi ksur tal-liġi bħal dawn għandhom jiġu trattati bħala reati kriminali.

Emenda 3
Artikolu 4, paragrafu 2, punt (b)

(b) l-għeluq totali jew parzjali, definittiv jew temporanju, ta' l-istabbiliment li jkun intuża ***speċjalment*** biex isir ir-reat fil-kwistjoni;	(b) l-għeluq totali jew parzjali, definittiv jew temporanju, ta' l-istabbiliment li jkun intuża biex isir ir-reat fil-kwistjoni;

Ġustifikazzjoni

L-istabbilimenti użati biex isir reat għandhom jiġu suġġetti għall-istess medda ta' penali.

Emenda 4
Artikolu 5, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-ispejjeż relatati mal-qerda tal-prodotti li jiksru d-dritt tal-propjetà intelletwali msemmi fl-Artikolu 4(2)(a) huma koperti mill-persuna fiżika jew legali li tkun wettqet ir-reat konċernat.

Ġustifikazzjoni

L-Istati m'għandhomx ibatu l-konsegwenzi finanzjarji tar-reati.